MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 120/2005

Maltacom p.l.c.
vs
Imelda Schembri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ir-rikors tal-Maltacom li biha ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet premessi (Cit. Nru. 1223/98GC) kienet giet deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Marzu 1999, u fl-istess kawza l-konvenuta kienet giet ikkundannata thallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm6813.52 (sitt elef, tmien mija u tlettax-il liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu), in konnessjoni mas-servizzi telefonici numri 450792 u 451181, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-intimata kienet ghadha ma hallset xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm520.91 (hames mija u

ghoxrin liri Malrin u wiehed u disghin centezmi) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dokument “A” kif ukoll Lm3088.80 (tleff elef, tmienja u tmenin liri Maltin u tmenin centezmi) imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%), fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti kien ta’ Lm10423.23 (ghaxart elef, erbgha mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess li tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimata debitament notifikata mghajta tliet darbiet ma deheritx ghas-seduta tal-lum, u anqas ipprezentat risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------